MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 54/2004

Il-Pulizija
(Supt. Neil Harrison)
Vs
Omar Cassar

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Lulju 1998 u fl-ahhar gimghat qabel din id-data :

1) ikkonsenja medicina specifika w psikotropika (LSD) lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu dik il-medicina bi ksur tar-regolament 10 (2) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 35 B u 89 A u t-tielet skeda tal-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom

x’jaqsmu maghha, Kap. 31 u l-artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif sussegwentement ammendati;
2) kellu fil-pussess tieghu medicina specifika w psikotropika (LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-avviz legali 22 tal-1985 kif sussegwentement ammendat u 35 B u 89 A u t-tielet skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artiklu 16 tal-Att V tal-1985 kif ammendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Frar, 2004, li biha wara li rat l-artikolu 17 tal-Kap. 9, l-artikoli 40 A u 120 A tal-Kap. 31, l-artikolu 16 ta’ l-Att ta’ 1985 kif emendat, it-Tielet Skeda tal-Kap. 31, ir-regolamenti 5(1) u 11(2) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985, sabet lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet kif dedotti w ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija w mitejn lira Maltija (LM200) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Frar, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi u f’kaz li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ ;- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti w interpretazzjoni hazina tal-ligi u dan ghal diversi ragunijiet , senjament li l-mobile phone numru 099 6628 kien jghajjat lil terza persuna w cioe’ lil certu Simon Grech u mhux lill-appellant ghax dan kellu n-numru 097 6628 ; illi dan johloq konflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni , ghax hemm identita’ differenti ; illi l-appellant dejjem kien persistenti w konsistenti fix-xhieda tieghu li hu kien ha zewg LSD’s minnghand certu Michael Sciberras izda l-Pulizija naqset li tressaq lil dan ix-xhud ; illi ghalkemm fix-xhieda tieghu a fol. 24 l-appellant kien

uza l-kelma “ghaddejthomlu” b’riferenza ghal certu Johnny , fuq zewg domandi (direttissimi tad-difiza li jmisshom qatt ma thellew isiru b’dak il-mod ) qal li hu ma kienx ghaddihomlu imma biss kien bi hsiebu jghaddihomlu ; Fil-fatt ma ghaddihomlux u xehed “I threw them away.”, ghax beza’ li setghu ma kienux verament LSD kif kien qallu li kienu Michael u ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet “a hill out of a mole hill” mill-fatt li l-appellant kien uza l-kelma “ghaddejthomlu” ; Li hu kien rema l-karti hu korroborat minn Daniela Caruana li tghid li hu iffluxxjhom fit-toilet ; Li meta l-appellant mar fuq il-post darbtejn biex jiltaqa’ mall-Ispettur Harrison, il-Pulizija arrestawh mill-ewwel . Kien mar biss wara li l-Ispettur Harrison kien cempillu ghat-tieni darba w hu mar ghax hass li din ma kienetx haga tat-telefon; Li ma nstabet ebda medicina psikotropika fid-dar tal-appellant meta saret it-tfittxija w kien l-appellant stess li kkonsenja pistola lill-Pulizija ; Li hu kien beza’ meta gie arrestat u kull ma ried hu li jitlaq il-barra “to get it over and done with” u ghalhekk l-istqarrija li l-appellant kien ghamel ma kienetx wahda li l-Qorti kellha toqghod fuqha ; Li dak li qalet l-Ewwel Qorti dwar il-familjarita’ mas-suggett tad-droga fil-lingwagg u dicitura wzata mill-appellant u li l-appellant kellu mohh ta’ accountant ma jreggux; Li ma hemmx il-prova li trid il-ligi biex jirrizulta li l-appellant kien fil-fatt ikkonsenja d-droga lil haddiehor u ghalhekk l-Ewwel Qorti jmissha waslet ghal decizjoni inversa minn dik li waslet ghaliha .

Illi t-tieni aggravju tal-appellant hu li l-piena inflitta kienet eccessiva w harxa izzejjed .

Semghet it-trattazzjoni dwar il-mertu tal-appell fl-udjenza tal-25 ta’ Marzu, 2004;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fl-istess udjenza ;

Rat id-differiment tal-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tas-27 ta’ Mejju, 2004 u l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Li meta l-Qorti giet biex tezamina l-atti processwali ghal-fini tal-istezura tas-sentenza , osservat li ghalkemm l-appellant kien gie misjub hati taz-zewg akkuzi dedotti kontra tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, u issa f' dan l-appell kien qed jitlob il-liberazzjoni tieghu miz-zewg akkuzi , huwa beda biex talab ir-**"riforma"** tas-sentenza appellata minnflok ir-revoka taghha kif jidher li kellu jaghmel ladarba kien qed jitlob liberazzjoni miz-zewg imputazzjonijiet .

In vista ta' dan din il-Qorti hasset li kellha ggib dan il-fatt mill-gdid quddiem il-Prosekuzzjoni w d-difiza w tistiedinhom jekk iridux jaghmlu xi sottomissjonijiet dwar dan il-punt li seta' jimporta n-nullita' tar-rikors tal-appell.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan il-punt ;

Ikkonsidrat ;

li hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata in-nullita' tal-appell - liema nullita' hija **sollevabbli "ex officio**" - ghaliex dejjem gie ritenut li , meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza , izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri"** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet funditus f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Galea** [ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-

(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir **jew** ghat-tibdil tas-

sentenza , giet "*very strictly and rigidly interpreted*" - **"The Police vs. John Hill"**, Criminal Appeal, [23.9.1972]

(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant . Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null. " (**Pul.vs. Anthony Zammit** , [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940; **Pul. vs. Richard Vincenti Kind** , App. Krim. [16.9.72]; **Pul. vs. Carmelo Agius** , App. Krim. 14.10.1972).

Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "**La Polizia vs. Ernesto Laiviera**", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "**La Polizia vs Carmelo Carabott et**." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; **Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar** , App.Krim. [23.1.1971]; **Pulizija vs. Carmelo Farrugia et.** App. Krim. [11.11.1976] ; **Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna** , App. Krim.[ 1.9.1977]; **Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et** ,[ 26.4.1985]**; Pulizija vs. Anthony Zammit** [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 **; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind ,** App. Krim. [16.9.1972] ; **Pulizija vs. Carmelo Agius** App. Krim. [14.10.1972]; **Pulizija vs. Emmanuel Bonnici** , App. Krim. [5.10.1990]; **Pulizija vs. Joseph Desira** [18.3.1972] **; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg** , [18.3.1972]; u **Pulizija vs. John Vella Chritien** App. Krim. [6. 5. 1972] u **Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia** [13.2.2001].

Issa fil-kaz odjern hu ovvju li l-appellant suppost talab ir-revoka tas-sentenza appellata gjaladarba hu kien qed jitlob liberazzjoni miz-zewg imputazzjonijiet li taghhom kien instab hati u ghalkemm tali talba kienet implicitament tkun tinkludi talba ghar-riforma tas-sentenza billi, f’kaz ta’ konferma tal-htija dwar xi imputazzjoni, tigi konsidrata revoka jew tibdil tal-piena , seta’ ukoll in subordine jitlob ir-riforma tas-sentenza dwar il-piena.

Minnflok hu beda biex talab ir-riforma tas-sentenza u fl-istess nifs kompla biex talab testwalment hekk :- *“billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi.”* Issa dan ovvjament hu kontrosens ghax ma tistax tintalab ir-riforma w r-revoka tas-sentenza fl-istess hin meta mhux il-kaz li l-appellant kien instab hati ta’ xi imputazzjonijiet u gie liberat minn ohrajn.

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat . Tista’ umbaghad tintalab ir-riforma biss subordinatament u f’kaz li per ezempju l-appell fuq il-mertu jigi michud *in toto* jew *in parte* u allura tkun qed tintalab *in subordine* riforma dwar id-dikjarazzjoni ta’ htija jew bidla fil-piena biss . Imma f’ dan il-kaz mhux hekk sar ghax l-ewwel intalbet ir-riforma billi ssir ir-revoka tas-sentenza intiera.

Illi fil-fehma dan id-difett fl-istezura ukoll igib in-nullita’ tar-rikors tal-appell l-istess bhal meta jkollha tintalab ir-riforma w minnflok tintalab ir-revoka ghax il-ligi tesigi li tintalab jew wahda jew l-ohra u mhux it-tnejn f’daqqa w bit-talba ghar-revoka donna subordinata ghal w kompriza fit-talba ghar-riforma .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------